# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 312/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eliott Magro)**

**vs**

**Anthony D'Alfonso**

**Omissis**

Seduta tad-29 ta' April, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, **Anthony D'Alfonso** kif ukoll Chantelle D'Alfonso, detenturi tal-karti tal-identita' Maltin bin-numri 633554M u 465686M rispettivament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Ġunju, 2015, fil-5 ta' Ġunju, 2015, fis-7 ta' Ġunju u fid-9 ta' Ġunju, 2015 fi Triq Ħal Qormi (Torretta) Santa Venera;

1) Bl-imġieba tagħhom ġabu ruħhom b'tali mod li taw fastidju lil Jane D'Alfonso meta kienu jafu jew messhom kienu jafu li dan l-aġir kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna u dan bi ksur tal-Art 251 (A) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli nhar il-11 ta' Ġunju 2015 bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendew li għandhom, ġiegħelu, bl-awtorita' tagħhom infushom, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil Jane D'Alfonso fil-pussess ta' ħwejjigha, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, ndaħlu fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Art 85(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-2 ta' Gunju, 2016 li biha ma sabitx lill-imputati ħatja tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberathom, sabithom ħatja tal-ewwel imputazzjoni fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta miġjuba fil-konfront tagħhom iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 illiberathom bil-kundizzjoni li ma jwettqux reat ieħor fi żmien sena;

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Anthony D'Alfonso** ppreżentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn sabitu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, iżda tirrevoka u **tħassarha** in kwantu misjub ħati tal-ewwel

imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha u l-konsegwenti ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg gravami dwar in-natura tal-provi mressqa li jistghu jitqiesu bhala aggravju wiehed. Dan ghaliex fl-ewwel ilment l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta sabet ħtija fl-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni ġaladarba l-parte civile Jane D'Alfonso naqset milli tipprova li l-aġir inkriminanti sar fid-dati indikati. Fit-tieni lment iressaq l-argument illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx 'a course of conduct' mehtieg sabiex tinsab htija fir-rejat ipotizzat;

2. Illi ghalhekk l-appell odjern huwa limitat ghall-ewwel imputazzjoni li titratta dwar ir-rejat ipotizzat fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9, l-hekk imsejjah "fastidju". Mill-provi akkwiziti jemergi illi l-kwerelanta u l-imputat kienu fil-kors ta' proceduri ta' separazzjoni u bejniethom kien hemm certu animozita'. Il-kwerelanta kellha access ghall-fond fejn kien qed jabita' l-imputat li hija d-dar matrimonjali u li fiha l-

kwerelanta kien ghad fadlilha ammont ta' fniek u li ghalhekk li kienet trabbi. L-imputat u l-kwerelanta ghandhom zewgt itfal b'wahda minnhom tappoggja lill-missier, dik imputata fl-istess kawza u l-ohra tappoggja lill-omm. Sfortunatament din hija s-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Il-kwerelanta tilmenta minn hsara fil-pipe tal-ilma li tuza ghall-fniek u li bintha ssakkarha barra. Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-provi akkolti mill-ewwel Qorti bil-ghan li dawn jkunu konsiderati fid-dawl tal-elementi tar-rejat sabiex ikun deciz jekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

3. Fid-19 ta' Ġunju 2015 il-kwerelanta Jane D'Alfonso kienet prezentat kwerela sabiex jittiehdu passi kontra Anthony D'Alfonso u Chantelle D'Alfonso ghal dak li jiddisponi l-artikolu 251A tal-Kap aggravat bl-artikolu 222(1) kif ukoll dwar dak li jiddisponi l-artikolu 85 tal-istess Kap kwantu agir li sehh fl-4, 5, 7 u 9 ta' Gunju 2015. Fir-rapport maghmul minnha lill-Pulizija, Jane D'Alfonso allegat diversi vendikazzjonijiet minn naha ta' zewgha u bintha f'dik il-gimgha. Fl-4 ta' Ġunju nnutat li l-pipe tal-ilma li ghandha fejn il-fniek kien maqsum b'daqqa ta' sikkina; fil-5 ta' Ġunju waqt li kienet fuq il-bejt hdejn il-fniek, bintha sakritha u kellha ccempel lill-zewgha li tela' jifthilha; fid-9 ta' Ġunju bintha regghet sakritha u meta cemplitilha bdiet taqtalha l-linja bhal qabel u kellha ccempel l-ghassa tal-Pulizija li cemplu lill-bintha biex tiftah il-bieb b'mod immedjat fejn kien zewgha li tela' jifthilha. Fil-11 ta' Gunju ma setghetx tiftah il-bieb ta' barra ghaliex fis-sellatura kien hemm gia cavetta

minn naha ta' gewwa u kellha ccempel lill zewgha u theddu bil-pulizija jekk ma jinzilx jiftah;

4. Il-kwerelanta xehedet illi ghad li ma kienitx baqghet tghix fil-fond abitat minn zewgha u wahda minn uliedhom, kellha fniek f'kamra fuq il-bejt u kienet tmur tghalifhom u ssaqqi l-qsari f'dak il-fond. Fl-4 ta 'Gunju kienet sabet il-pipe tal-ilma maqsum b'sikkina u mqieghed f'landa tal-ikel tal-fniek li spiccaw ma kienux kielu minhabba li l-ikel kien imxarrab. Spjegat ukoll illi fil-kamra tas-sodda thalli zarbun li bih titla' fuq il-bejt u f'gurnata minnhom meta giet biex tohrog mill-fond, sabet il-bieb tal-kamra tas-sodda imbarrat b'injama u cemplet diversi drabi lit-tifla taqtalha l-linja. Din sehhet ghal tlett darbiet u kien dejjem zewgha, l-imputat, li mar jifthilha. Oltre dan, minn Gunju ukoll kienet qed issib il-bieb ta' barra tad-dar fejn izomm il-fniek imsakkar bic-cavetta fis-sellatura minn naha ta' gewwa bil-konsegwenza li ma tkunx tista' tidhol kif ukoll li minhabba f'hekk issib il-fniek mejta. Id-dati dwar dawn, izda ma tiftakarhomx hlief ghall-4 ta' Gunju;

5. L-ewwel Qorti korrettament ghamlet referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fir-rigward tal-elementi li jsawru ir-rejat ravvizat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Minkejja dan, izda, kellu jirrizulta qabel kollox illi l-azzjonijiet lamentati kienu verament kommessi mill-imputat appellant sabiex imbaghad isegwi l-ezercizzju ghar-ricerka dwar jekk dawk l-azzjonijiet jammontawx ghall-persistenza konsistenti f'aktar minn okkazzjoni wahda intiza biex tivvessa u ddejjaq lis-suggett passiv. Issa, minn dak li tista' tikkonkludi din il-

Qorti, jidher illi l-kwistjoni tal-pipe tal-ilma tista' tittiehed in konsiderazzjoni bhala cirkostanza ta' ripetizzjoni mghaduda mal-kwistjoni tal-imbarrar tal-bieb u li allura tirrizulta r-ripetizzjoni kif ritenuta fil-gurisprudenza bhala element rekwizit ghal-fini tal-artikolu 251A, cioe' l-hekk imsejjah "*course of conduct*". Minkejja dan, hemm element ta' prova indizzjarja favur l-imputat meta l-kwerelanta tikkonferma diversi drabi li kull darba li sabet il-bieb mbarrat u cemplet lill-bintha li taqtalha l-linja, dejjem kien zewgha li gie jifthilha l-bieb. Dan il-fatt ma setax ikun injorat mill-ewwel Qorti ghaliex gia l-kaz kien jippresta certu diffikulta' kwantu prova ta' min bejn l-imputat u bintu, l-imputata l-ohra, setghu kienu responsabbli ghall-dan l-agir;

6. Illi ghalhekk anke jekk l-agir lamentat huwa wiehed odjuz kien jokkorri certu univocita' fil-provi sabiex tinsab htija kontra l-appellant li favur tieghu hemm il-fatt liberatorju li dejjem ippresta l-ghajnuna tieghu appena mitlub minn martu;

7. Illi ghalhekk ma kienx ragjonevoli li l-ewwel Qorti ssib htija proprju kontra l-imputat u ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, u konsegwentement **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx htija fl-appellant fit-tieni imputazzjoni, **thassarha** f'dik il-parti li fiha sabet htija fl-imputat Anthony D'Alfonso fl-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.